# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 200/2018**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Robert Galea**

Illum 22 ta' Ġunju 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant **Robert Galea**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 229581(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli:

1. bejn il-25 u s-26 ta' Jannar 2013 ikkommetta serq ta' oġġetti minn ġewwa l-hanut bl-isem ta' Café Riche li jinsab fi Triq San Dwardu, Birgu għad-detriment ta' Joseph Busuttil u/jew persuna/i oħra, liema serq huwa aggravat bil-valur li jeċċedi l-mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) iżda ma jeċċedix l-elfejn, tliet mija u disgħa u

għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u bil-mezz;

2. sar reċidiv b'diversi sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jinbidlu *ai termini* ta' Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-3 ta' Mejju 2018 fejn il-Qorti, wara li rat Artikoli 49, 50, 261(b)(c), 263(a), 267, 278(2) u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u kkundannatu għoxrin xahar priġunerija.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fit-8 ta' Mejju 2018 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"tilqa' dan l-appell billi **tirriforma** s-sentenza u filwaqt li **tikkonfermaha** fil-parti fejn sabet lill-appellant ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu, **tirriforma** s-sentenza appellata fil-parti tal-piena nflitta u dan billi timponi piena aktar ekwa u ġusta għaċ-ċirkostanzi tal każ."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat illi fis-seduta miżmuma quddiem din il-Qorti diversament preseduta fit-30 ta' Lulju 2020 (*a fol.* 89) il-Qorti msemmija laqgħet it-talba tal-appellant sabiex tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga u konsegwentement irreferietu quddiem il-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga.

Rat in-Nota (*a fol.* 132) ippreżentata mill-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga fit-8 ta' Novembru 2022 fejn il-Bord informa lil din il-Qorti diversament preseduta li l-proċess ta' riabilitazzjoni tal-appellant ntemm b'suċċess.

Rat in-Nota tar-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali ppreżentata fl-10 ta' Mejju 2023 (*a fol.* 156 *et seq.*) fejn fiha din il-Qorti ġiet infurmata li minn riċerka li saret irriżulta li apparti dan l-appell, l-appellant kellu wkoll żewġ appelli oħra pendenti bin-numri 136/2017 u 449/2012 u li t-tnejn kienu għadhom pendenti quddiem din il-Qorti diversament preseduta.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet is-sottomissjonijiet finali bil-fomm.

**Ikkunsidrat**

Illi fir-Rikors tal-appell tiegħu l-appellant iressaq aggravju wieħed biss li jirrigwarda l-piena erogata mill-Ewwel Qorti li huwa jilmenta hija waħda sproporzjonata u eċċessiva. Jgħid li ħadd m'hu ser ikun qiegħed jibbenefika minn tali sentenza u li l-Ewwel Qorti kellha tagħtih ċans bħala inċentiv sabiex jimxi fit-triq it-tajba. Jgħid li huwa dejjem ikkoopera bis-sħiħ mal-Prosekuzzjoni tant li meta ammetta ta spjegazzjoni x'għamel bir-*res furtiva*.

Illi din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fit-12 ta' Diċembru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Nazzareno Caruana** (Numru 45/2020) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Din il-ġurisprudenza ormai ben kristallizzata u aċċettata in linea ta' prinċipju fil-ġurisprudenza tagħna, tgħallimna illi l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell għandha tbiddel u tvarja l-piena inflitta minn l-Ewwel Onorabbli Qorti, fil-każijiet fejn dik il-piena ma tkunx pjenament imsejsa fuq dispożizzjonijiet tal-liġi. Dan il-prinċipju kien ġie ukoll kristallizzat fis-sentenza fil-każ **Il-Pulizija vs. Joseph Attard** mogħtija [...] fis-26 ta' Jannar 2001, fejn il-Qorti qalet li:

> "Il-Qorti tal-Appell rarament tbiddel il-piena li tkun imponiet l-Ewwel Qorti. Dan taghmlu biss meta jkun manifestament evidenti li dik il-Qorti tkun imponiet xi piena mhux kontemplata mil-liġi għar-reat in eżami, jew tkun xi piena ħarxa wisq jew sproporzjonata għal dak li jkun għamel il-ħati, jew tkun xi piena mhux fil-parametri tal-liġi.""

Illi filwaqt li din il-Qorti tagħmel tagħha dak hawn fuq ikkwotat, tinnota wkoll li, wara li ġie ppreżentat ir-Rikors tal-appell tal-appellant f'dawn il-proċeduri, l-appellant talab li *ai termini* ta' Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta din il-Qorti diversament preseduta tassumi l-funzjonijiet ta' Qorti dwar id-Droga, liema talba ġiet milqugħa wara li nstemgħu xhieda fir-rigward tat-talba msemmija u fejn il-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga nforma lil din il-Qorti diversament preseduta li l-proċess ta' rijabilitazzjoni tal-appellant kien intemm b'suċċess. Ovvjament dan ser jittieħed in konsiderazzjoni fir-rigward tar-Rikors tal-appell tal-appellant.

Illi din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fis-27 ta' Jannar 2023 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Dennis Cremona** (Numru 151/2019) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi, it-talba minnu magħmula fit-termini tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta ukoll għandha bħala l-fini tagħha mitigazzjoni fil-piena u għalhekk il-Qorti hija tal-fehma illi, ġialadarba issa assumiet funzjoni ta' Qorti Dwar id-Droga, għandha taqdi din il-funzjoni l-ewwel u qabel kollox, fid-dawl tal-aggravju imqanqal, kif ingħad."

Illi wara li din il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni dak li ngħad hawn fuq, il-Qorti ma tistax ma tinnutax ukoll is-segwenti:

- l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-appellant li ġew pruvati u li l-appellant ammetta għalihom quddiem l-Ewwel Qorti;

- il-fedina penali aġġornata tal-appellant;

- il-fatt li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-appellant jirrisalu għas-sena 2013 u għat-trapass ta' żmien li ħadu l-proċeduri odjerni sabiex jiġu konklużi llum;

- dak li jirriżulta mid-depożizzjoni mogħtija minn Noel Cassar (li jaħdem il-Caritas) fid-9 ta' Diċembru 2019 (*a fol.* 77 *et seq.*) u mid-dokument ippreżentat minnu (*a fol.* 75 *et seq.*), u kif ukoll mid-depożizzjonijiet mogħtija mill-Psikologa Shirley Borg fit-13 ta' Jannar 2020 (*a fol.* 80 *et seq.*), minn Dr. Moses Camilleri fit-13 ta' Jannar 2020 (*a fol.* 82 *et seq.*), u mill-Uffiċjal tal-*Probation* Rhona Custo' fit-30 ta' Lulju 2020 (*a fol.* 90 *et seq.*), lkoll mogħtija quddiem din il-Qorti diversament preseduta;

- il-fatt illi jirriżulta li l-appellant kellu tliet appelli: wieħed huwa dan relatat ma' din is-sentenza u tnejn oħra – wieħed bin-numru 136/2017 u ieħor bin-numru 449/2012 li kienu qegħdin jinstemgħu quddiem din il-Qorti diversament preseduta u li s-sentenzi dwar dawn iż-żewġ appelli ngħataw fis-16 ta' Mejju 2023;

- il-fatt li jirriżulta li l-Bord tar-Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga nforma lil din il-Qorti diversament preseduta li l-imsemmi Bord kien sodisfatt bil-proċess ta' riabilitazzjoni tal-appellant li ntemm b'suċċess;

- meta ngħad lil din il-Qorti diversament preseduta mill-Bord tar-Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga li kien sodisfatt bil-proċess ta' riabilitazzjoni tal-appellant u li dan kien intemm b'suċċess, il-Qorti ġiet infurmata, fost l-oħrajn, bis-segwenti: *"Il-Bord qabel ukoll illi f'każ illi l-klijent jingħata l-parole, il-care plan se tkun qiegħda tiġi modifikata."*

Illi tenut kont ta' dak kollu li ngħad hawn fuq u tenut kont tal-atti probatorji riżultanti f'dan il-każ, din il-Qorti hija tal-fehma li l-appellant huwa kandidat idoneu sabiex fil-konfront tiegħu jiġu applikati d-dettami ta' Artikolu 8(7) u 8(8) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta u kif ukoll il-proviso ta' Artikolu 8(7) tal-Kapitolu msemmi b'dan għalhekk illi la darba l-Qorti hija sodisfatta fuq bilanċ ta' probabbilitajiet illi r-reati li dwarhom l-appellant ġie misjub ħati kienu prinċipalment attribwibbli għad-dipendenza tiegħu fuq id-droga, din il-Qorti ser tieqaf milli tapplika t-terminu minimu mandatorju ta' priġunerija jew l-esklużjoni tal-applikazzjoni tal-ordni ta' *probation* jew tas-sospensjoni tat-terminu ta' priġunerija. Għaldaqstant din il-Qorti ser tbiddel il-piena ta' priġunerija erogata mill-Ewwel Qorti għall-waħda t-terminu ta' liema ser ikun sospiż. B'hekk l-aggravju tal-appellant ser ikun milqugħ.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-appell imressaq mill-appellant Robert Galea u tgħaddi għalhekk biex tirriforma s-sentenza appellata billi:

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn sabet lill-appellant ħati tal-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tiegħu;

- tħassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-appellant ġie kkundannat għoxrin xahar priġunerija u minflok wara li rat Artikolu 8(7) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta tikkundanna lill-appellant għall-perijodu ta' għoxrin (20) xahar priġunerija li b'applikazzjoni ta' Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta qed jiġu sospiżi għal tliet (3) snin mil-lum.

Il-Qorti twissi lil ħati bil-konsegwenzi skont il-liġi jekk huwa jikkommetti reat ieħor matul il-perijodu operattiv ta' din is-sentenza.

Finalment, b'applikazzjoni ta' Artikolu 8(8) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta, din il-Qorti tordna illi r-reati li l-appellant instab ħati tagħhom f'dawn il-proċeduri m'għandhomx jittieħdu in konsiderazzjoni għall-finijiet tal-ħruġ ta' ċertifikat tal-kondotta skont l-Ordinanza dwar iċ-Ċertifikati tal-Kondotta (Kapitolu 77 tal-Liġijiet ta' Malta).

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**